# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 472/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**George Falzon**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, George Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 434254M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-3/5/2017, 10/5/2017, 17/5/2017, 24/5/2017 u 31/5/2017 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi ugew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artiklu 18):

1. Naqas milli jaghti lil Maria Falzon is-somma ffissata minn dik il-Qorti stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni

jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skond Kap 9 tal-Art. 338 (z).

2. Naqas li jobdi l-ordni tal-pulizja, meta gie avzat bil-fomm jew b'avviz bil-miktub sabiex jattendi l-ghassa tal-pulizija jew f'xi post iehor indikat mill-Pulizija sabiex jipprezenta d-dokumenti mehtiega mill-istess Pulizija (Kap 9 Artiklu 355 AD (3)(4)(5))

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 338(z) u 355 AD (3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Falzon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mil-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu hija wahda eccessiva u kellha tkun aktar miti;
2. Illi fis-seduta tal-lum, l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;
3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;
4. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' gimghatejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.